MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1048/1986/1

**Reginald Micallef u Walter Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa and Camilleri Limited u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha d-ditta Francis Meli**

**Vs**

**Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumpanija The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi d-ditta Francis Meli importat gewwa Malta hames *cartons Electronic calculators* minn Taiwan fuq il-vapur MARINGA kif jirrizulta mill-polza (Dok. A);

Premess illi meta l-merkanzija waslet Malta, u giet skarikata f'idejn il-kumpanija konvenuta irrizulta mit-*tally sheet* li nizlu l-hamsa kollha imma li kien hemm kartuna wahda li kienet vojta (Dok. B) u ghaliha l-vapur accetta r-responsabilita`;

Premess illi minn erba' kartuni shah li gew konsenjati lill-kumpanija konvenuta tlieta biss gew konsenjati lill-importatur (oltre l-kartuna vojta) u dan jirrizulta mic-certifikat tad-Dwana (Dok. C);

Premess illi ghal dan in-nuqqas kollu s-socjeta` assiguratrici Guardian Royal Exchange Assurance plc hallset kumpens, kif kienet obbligat, ta' hames mija u hamsin lira (Lm550) (Dok. D) – oltre hmistax-il lira (Lm15) ghas-survey – u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur;

Premess illi l-armaturi tal-vapur accettaw responsabilita ghall-kartuna li kienet vojta u hallsu mija u tnejn u disghin lira (Lm192);

Premess li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghanm-nuqqas ta' kartuna shiha ghall-ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira (Lm358) oltre il-Lm15 tas-survey;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghan-nuqqas ta' kartuna calculators shiha;

2. Tikkundanna lill-konvenuta *nomine* jhallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm358 oltre il-Lm15 survey, bl-interess skond il-ligi mid-data tal-pagament, in linea ta'

danni sofferti mill-importatur min-nuqqas tal-kartuna calculators, u surrogati lill-atturi *nomine*;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-konvenuti *nomine* kienu ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenuti ma kienux responsabbli ghall-ebda danni u hsarat, peress li huma qdew il-funzjonijiet taghhom kollha bid-diligenza apposita rikjesta minnhom mil-ligi;

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-konvenuti *nomine* kellhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Frar 1987 li permezz tieghu gie nominat Dr. Stefan Meilak bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta’ l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Dicembru 1991 li permezz tieghu l-perit legali gie sostitwit bl-avukat Dr. Joseph Zammit Mckeon bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi periti legali li tinsab a fol. 88 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza tikkoncerna pretensjoni ghar-rizarciment ghad-danni minhabba li s-socjeta` konvenuta naqset li tikkonsenja fl-istat li rcevietha l-merce importata f'Malta minn Taiwan mill-importatur id-ditta Francis Meli u li giet skarikata minn abbord il-vapur "MARINSA" fit-12 ta' Novembru 1985;

Fil-qosor il-fatti f'dan il-kaz jistghu jigu hekk kompendjati:-

I. Id-ditta importatrici msemmija importat f'Malta hames (5) *cartons* ta' *Electronic calculators*. Dawn ingarru permezz tal-precitat bastiment merkantili skond polza tal-kariku a fol. 5 tal-process;

II. Meta l-*cartons* gew zbarkati nstab li wahda minnhom kienet vojta. Ara *Tally sheet* (fol. 6);

III. Mill-erbgha (4) l-ohra li ghaddew f'idejn is-socjeta` konvenuta nstab fil-mument tar-rilaxx taghom illi *carton* ohra "*was found totaly empty*". Ara Certifikat tad-Dwana (fol. 7), il-Gate Pass Out (fol. 67), xhieda ta' Raymond Mckay (fol. 59), store-keeper tad-ditta importatrici, Lawrence Cachia (fol. 62), rapprezentant tad-Dwana, Michael Chetcuti (fol. 63), Manager Claims mas-socjeta` O. F. Gollcher & Sons Ltd, agenti tal-vapur. Dan il-fatt hu wkoll konfermat minn Anthony Agius rapprezentant tas-socjeta` konvenuta li jikkonferma li l-*carton* vojta "hija wahda minn dawk l-erbgha" (fol. 60 u 61);

IV. Ghat-telf subit id-ditta importatrici giet kompensata mis-socjeta` assiguratrici, surrogata fid-drittijiet taghha, is-somma ta' hames mija u hamsa lira Maltija (Lm550). Dan kif manifest fis-Subrogation Form

(fol. 8). Eppure s-socjeta` attrici llimitat it-talba taghha ghad-danni ghall-ammont ta' tliet mija u tmienja u hamsin lira (Lm358) oltre hmistax-il lira (Lm15) ghal *survey fees*;

Mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-kaz taht ezami it-*Tally sheet*, debitament iffirmata kemm mit-tally clerk inkarigat mil-agent tal-vapur kifukoll mit-tally clerk tas-socjeta` konvenuta, kienet tistabbilixxi li minn hames *cartons* wahda minnhom tnizzlet vojta. *Ergo*, hu prezunt li l-erba' *cartons* rimanenti kienu ntatti;

Invece, kif manifest, minn dokumenti ohra, fosthom il-Gate Pass Out rilaxxjat mis-socjeta` konvenuta irrizulta li minn dawn l-erba' *cartons*, kartuna ohra kienet ukoll vojta mill-kontenut taghha;

Hi gurisprudenza pacifika *in subjecta materja* illi "ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarigata minn fuq il-bastiment jigi kumpilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord - it-*tally sheet*; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi konsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lil kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi - il-*Gate pass-Out.";*

Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kolha fil-kawza, li ghandhom l-opportunita` f'waqtha, *a tempo vergine* li jikkontrollaw u jippreċizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi *a posteriori* ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni "*juris tantum”* li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici; dokumenti li gew kompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni" - "**Michael Gatt *nomine et* -vs- l-Avukat Philip Sciberras *nomine***", Appell Kummercjali, 20 ta' April 1995; "**David Curmi *nomine* -vs- Carmelo Mallia *et nomine et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1995;

Dan kollu ghandu jfisser li z-zewg dokumenti fuq riferiti jiccertifikaw l-istat tal-merce minn zmien ghall-iehor fil-perkors li jwassal ghall-hrug taghhom minn taht il-kustodja

u kontroll tas-socjeta` konvenuta. Bhala punt ta' dritt iz-zewg dokumenti ghandhom il-valur probatorju taghhom;

Bhala materja ta' fatt rizultanti mill-provi jinsab stabbilit, u fuq dan din il-Qorti hi sodisfatta, illi l-*Joint Tally* kien jimmanifesta illi ghallanqas erba' *cartons* gew mghoddija lis-socjeta` konvenuta wara l-iskarikar taghhom minn fuq il-bastiment. Huwa mistenni illi dawn l-istess erba' *cartons* jigu mbaghad konsenjati lill-importatur b'mod li jirriflettu l-istat veru u komplet tal-merkanzija hekk ricevuta;

Din it-*Tally sheet* hi ghalhekk dokument attendibbli u ghalhekk tikkostitwixxi prova ta' l-istat tal-merkanzija fil-mument li giet zbarkata. Ma tirrizulta l-ebda prova kuntrarja li b'xi mod attakkat b'success l-awtenticita ta' l-istess *tally sheet*;

In-nuqqas jew l-assenza ta' tali prova jaghti kredibilita` lil verzjoni tas-socjeta` attrici li n-nuqqas f'wahda mill-erba' *cartons* kien jezisti fil-mument meta l-*cartons* ghaddew fil-konsenja tad-ditta assigurata minghand is-socjeta` konvenuta;

Kwantu ghall-ammont ta' danni reklamat ma jirrizultax li dan gie kontestat mis-socjeta` konvenuta li fil-verita` illimita ruhha biex topponi t-talba fuq il-fatt li wzat id-diligenza mehtiega fil-harsien tal-kariku meta dan kien taht il-kontroll taghha;

Kif osservat drabi ohra "m'ghandux jigi prezunt illi s-socjeta` assiguratrici thallas leggerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem li tkun ghamlet dan wara d-debita verifika." ("**Joseph Felice Pace *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Appell, 29 ta' Ottubru 1999).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi takkolji d-domandi attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghan-nuqqas ta' kartuna ta' *electronic calculators*, u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta`

konvenuta thallas lis-socjeta` attrici assiguratrici l-ammont komplessiv ta' tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm373) ghad-dannu subit u *survey fees*.

L-ispejjez ta' din l-istanza huma a kariku tal-konvenuti *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------